MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1148/2002/1

**Id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali**

**vs**

**Rose Migrab**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Mejju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u ghaxar liri Maltin u tmintax il-centezmu (Lm610.18) rapprezentanti rifuzjoni ta' pensjoni ghall-wens imhallsa lill-konvenuta. Il-konvenuta applikat ghal pensjoni ghal wens fl-20 ta' Mejju 1996 u bdiet tithallas din il-pensjoni. Din l-ghajnuna bdiet tinghatalha sabiex hija tkun tista' tiehu hsieb missierha d-dar. Fit-28 ta'' Awissu 1998 missierha ddahhal l-Isptar San Luqa u baqa' rikoverat sas-26 ta' Frar 1999. L-konvenuta kienet obbligata li tinforma b'dan lid-Dipartiment pero' naqset li taghmel hekk b'konsegwenza li

rceviet is-somma ta' Lm610.18 ndebitament bhala ghajnuna socjali.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:- Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuta Rose Migrab m'ghandha tirrifondi ebda ammont lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u dan stante illi l-konvenuta, ghalkemm missierha kien rikoverat l-Isptar, baqghet tiehu hsiebu, tahslu, tahsillu l-hwejjeg, timmedikah u tikkurah sakemm ma miet u dan appartti li kienet taghmel hafna spejjes ghal bzonnijiet kollha tieghu u sabiex tkun tista' tiehu hsiebu ahjar.
Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost qed jigi rilevat li Rose Migrab ma rceviet ebda ghajnuna mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali minn Jannar 1999 sa Marzu 1999.

Sema' x-xhieda ta' Carmel Azzopardi, tal-konvenuta u ta' Dr. Ratho Jovanovic. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra n-nota prezentata mill-attur fejn huwa rriduca t-talba tieghu ghal erba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm471.92).

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mid-dkument esebit a fol. 17 et seq. tal-process jirrizulta li fl-20 ta' Mejju 1996 il-konvenuta kienet applikat ghall-pensjoni tal-wens stante li hija kienet xebba u kienet tiehu hsieb missierha. Meta ssottometiet din l-applikazzjoni l-konvenuta iffirmat dikjarazzjoni fejn hija ntrabtet li tinforma lill-attur bi kwalsiasi tibdil fic-cirkostanzi li hja kienet indikat fl-applikazzjoni taghha.

Illi mid-dokument esebit a fol. 23 tal-process jirrizulta li Carmelo Aguis, missier il-konvenuta, kien dam rikoverat l-Isptar San Luqa mit-28 ta' Awissu 1998 sas-26 ta' Frar 1999. Mix-xhieda ta' Dr. Ratho Jovanovic min-naha l-ohra jirrizulta li Carmelo Aguis kien dam rikoverat l-Isptar ghal

perijodu marginalment aqsar u cioe' mis-16 ta' Settembru 1998 sas-26 ta' Frar 1999. Mill-prospett prezentat mill-attur (a fol. 25) jidher li l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tal-pensjoni li thallset lill-konvenuta mis-7 ta' Novembru 1998 sas-26 ta' Marzu 1999. Id-diskrepanza fil-granet li fihom missierr il-konvenuta dam rikoverat l-Isptar hija ghalhekk irrilevanti stante li l-attur m'huwiex qed jitlob ir-rifuzjoni tal-pensjoni li thallset lill-konvenuta ghax-xahar ta' Awissu 1998.

Illi l-Artikolu 68 tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi s-segwenti:-
"Ikollha dritt ghal Pensjoni ghall-Wens skond is-subartikolu (2) jekk dik il-persuna tipprova ghas-soddisfazzjon tad-Direttur li hi tkun qed tiehu hsieb, wahidha, fuq bazi 'full time' u regolarment tal-genitur taghha.......".Una volta li issier il-konvenuta dam rikoverat l-Isptar, hija ma kienetx qed tiehu hsiebu fuq bazi 'full time' u ghalhekk ai termini tal-Artikolu appena citat hija ma baqghetx intitolata li tircievi l-pensjoni ghall-wens u jsegwi li l-ammont li thallas lilha ghall-perijodu li missierha dam rikoverat l-Isptar thallas indebitament. Inoltre rrizulta wkoll mill-provi li l-konvenuta naqset milli tinforma lill-attur, kif kienet obbligata li taghmel, meta missierha gie rikoverat l-Isptar. Irid jinghad ukoll li l-konvenuta zzewget fil-bidu ta' Marzu 1999 u ghalhekk hija ma baqghetx intitolata li tircievi l-pensjoni ghall-wens.

Illi fit-tieni eccezzjoni taghha l-konvenuta ssostni wkoll li hija ma rcevieet ebda pensjoni ghax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu tal-1999. Mix-xhieda ta' Carmel Azzopardi u mid-dokument esebit a fol. 37 tal-process jirrizulta li l-ahhar pagament li gie effetwat lill-konvenuta kien fis-27 ta' Frar 1999 u kien ikopri l-perijoodu mis-27 ta' Frar 1999 sas-26 ta' Marzu 1999. Mill-kopja tac-cheque esebit a fol. 37 tal-process jirrizulta li l-konvenuta sarfet dan ic-cheque u fil-fatt meta murija l-original ta' dan id-dokument, hija gharfet il-firma taghha fuq in-naha ta' wara ta' l-imsemmi cheque. Jidher ghalhekk li anki t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta hija nfondata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm471.92).

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------